MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## SILVIO CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Numru 344/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Azzopardi**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Esekuttiva fit-18 ta' Settembru 2009 kontra John Azzopardi talli:

a) Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi bidel is-sett ta' pjanci tar-registrazzjoni CBC717 fuq vettura tat-tip Isuzu TFR bin-numru tar-registrazzjoni CBD712 u x-xassi JAATFR548L7105864 billi wahhal dawn in-numri ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal in-numru tarregistrazzjoni CBC717 fuq vettura tat-tip Isuzu TFR bin-numru tar-registrazzjoni CBD712 u x-xassi JAATFR548L7105864, ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

c) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq vettura tat-tip Isuzu TFR bin-numru tar-registrazzjoni CBD712 u x-xassi JAATFR548L7105864, meta n-numri tarregistrazzjoni kienu CBC717 li kienu jappartjenu ghal vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal- Pulizija jew ta’ l-Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmi mutur, u b’hekk ma kienx kopert b’polza tal-assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni, ai termini tal-Artikoli 17, 18, 21, u 31 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uza llicenzja tal-vettura CBC717 fuq il-vettura tat-tip Isuzu TFR bin-numru tar-registrazzjoni CBD712 u x-xassi JAATFR548L7105864, meta n-numri tar-registrazzjoni kien CBC717 li kienu jappartjenu ghall-vettura ohra;

e) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura meta ma kienx kopert b’polza ta’ l-assigurazzjoni ghall-riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3 talkap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta

f) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Pulizija jew mill-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq din il-vettura bla numru tar-registrazzjoni u dan bi ksur talartikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Lulju 2010 li fil-parti dispozittiva taghha tghid:

"Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 17, 18, 21 u 31 tal-Avviz Legali 128 tal-1994, l-Artikolu 15(1) (a) (3) tal-Kapitolu 65, Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' liberta kondizzjonata;

Il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-hati ghal zmien sena mil-lum;

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tintbghat lill-Avukat Generali skont il-Ligi."

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali minnu prezentat fis-27 ta' Lulju 2010 li permezz tieghu talab li tigi varjata s-sentenza fuq imsemmija billi tigi kkonfermata fejn l-ewwel Qorti sabet htija u tigi revokata fejn tirrigwarda l-piena u minflok tigi inflita l-piena idonea skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

L-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa wiehed u jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti sabet lill-imputat appellat hati fost reati ohrajn tar-reat taht l-artikolu 3 tal-Kap 104 talli saq vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni ghar-riskji fuq terzi persuni u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 illiberat lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mid-data tas-sentenza meta skont l-artikolu 3(2B) tal-Kap 104 imsemmi l-applikazzjoni tal-Att dwar il-Probation hija eskluza fil-kaz ta' xi reat kontra d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-istess Kap.

Minghajr dubbju l-appellant Avukat Generali ghandu ragun fl-aggravju tieghu. Ir-reat li tieghu nstab hati l-imputat appellat mill-ewwel Qorti huwa reat kontra d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 3(1) tal-Kap 104 li jipprovdi illi hadd ma jista' juza jew igieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni skond id-dispozizzjonijiet tal-istess Kap 104. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 3 tal-Kap imsemmi imbghad jipprovdi li ghall-ewwel reat bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-istess Kap persuna tehel meta tinsab hatja multa ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda ta' mhux izjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-prigunerija flimkien. L-istess artikolu 3 tal-Kap 104, fis-subartikolu (2B) tieghu, jkompli jipprovdi li d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u tal-Att dwar il-*Probation* ma japplikawx fil-kaz ta' xi reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Ghalhekk, wara li qieghed jigi konstatat li dan huwa l-ewwel darba li l-imputat appellat instab hati ta' reat kontra d-dispozizzjonijet tal-artikolu 3 tal-Kap 104, hemm lok li l-piena li inghatat mill-ewwel Qorti tigi varjata sabiex tkun konformi mal-ligi.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi, mal-piena erogata mill-ewwel qorti, izzid dik ta' multa ta' elfejn u hames mitt euro (€ 2,500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------